



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

3.12.2014

B8-0324/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar qafas komuni ta' regolamentazzjoni għas-settur tat-trasport bit-triq

Lorenzo Fontana

RE\1042512MT.doc

PE539.047v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B8-0324/2014

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar qafas komuni ta' regolamentazzjoni għas-settur tat-trasport bit-triq

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2)(g), u l-Artikolu 91 tat-TFUE,
 - wara li kkunsidra il-kontenut tal-White Paper dwar "Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: żmien li niddeċiedu" (COM(2010)0370),
- A. billi fl-aħħar snin fis-settur tat-trasport bit-triq kienu qed iseħħu prattiki li jdgħajfu l-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni f'dan is-settur;
- B. billi l-kondiviżjoni u l-applikazzjoni tajba ta' regoli komuni huma indispensabbli biex ma jseħħx il-fenomenu eventwali ta' dumping soċjali;
- C. billi xi impriżi minn uħud mill-Istati Membri bdew jiddelokalizzaw, ta' spiss b'mod fittizju, l-attività tagħhom fi Stati Membri oħra, b'hekk jikkawżaw sitwazzjonijiet problematiċi kbar marbuta mal-livell ta' pagi u ta' qgħad fil-pajjiż tal-oriġini;
1. Iqis li l-UE għandha tintervjeni sabiex fi żmien rapidu tilħaq tnaqqis drastiku tad-distorjonijiet imsemmija hawn fuq;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rispett tal-prerogattivi li ġejjin mit-Trattati, biex telabora proposti li jwasslu għal salarju minimu fil-livell Ewropew, li jkun garantit għall-ħaddiema professjonali kollha;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni tiegħu miżuri li jeliminaw il-każijiet frekwenti ta' dumping, kif ukoll jeliminaw id-diversità fit-tassazzjoni, kemm għall-azjendi kif ukoll għall-ħaddiema dipendenti.